TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 531/11/ MS**

**Rita Anna Lia Bonanno u Alexander Bonanno**

**vs**

**SMS Orange Travel.**

Illum 8 ta' Gunju 2015

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrenti Bonanno tal-20 ta' Dicembru 2011.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata tat-3 ta' Frar 2012.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati.

Ra illi fl-ewwel seduta tat--30 ta' April 2012, ir-rikorrenti Rita Anna Bonanno ikkonfermat id-dettajli kollha li ghamlet fl-avviz fir-rigward tal-ilment taghha u ezebiet numru ta' dokumenti u ritratti.

Ra illi fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2012 il-partijiet iddikjaraw illi l-kawza qed issir biss fil-konfront ta' Orange Travel Ltd u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra;**

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda diversi ilmenti dwar btala li ghamlet ir-rikorrenti u binha ta' ghaxar snin f'Istanbul bejn il-15 u l-22 ta' Settembru tas-sena 2011. Kien hemm numru ta' nuqqasijiet ta' natura igenici (hmieg) kif ukoll ilmenti ohra dwar *airconditioners,* sigurta' u periklu (plakek mhux imwahhlin sew), bibien imkissrin, irwejjah dizgustanti u nuqqasijiet ohra li taw hafna fastidju lir-rikorrenti li hassuhom aggravati u rregistraw l-ilmenti taghhom meta gew lura Malta.

Illi t-tour leader ma kienx ta' ghajnuna ta' xejn meta huma ressqu l-ilmenti taghom u peress illi r-rikorrenti ghaddiet minn esperjenza personali fejn sfat misruqa, iktar u iktar hasset tali nuqqas.

Illi effettivament bejn ix-xokk tal-esperjenza u l-ambjent hazin tal-lukanda, it-tifel sofra minn diarrhea qawwija u dan waslithom bix gew lura qabel iz-zmien. Ghaldaqstant huma ippretendu illi jigi kkumpensati u rizarciti ghal dawn in-nuqqasijiet.

Illi s-socjeta' intimata offrewlhom kumpens ta' tmenin Euro (€80,00), liema somma giet rifjutata mir-rikorrenti. (ara l-ittra datata 9 ta' Dicembru 2011). Din is-somma giet kalkulata f'ghaxar Euro kuljum ghall-erbat ijiem illi huma kienu msiefrin.

Illi r-rikorrenti thoss illi ghandha tigi kkumpensata ghat-tul shih tat-*tour* u mhux biss ghal dawn l-erba tijiem illi ghamlet hemmhekk. Hi kienet hallset ghall-gimgha shiha u ghal excursions kollha, liema excursions, uhud minnhom, ma gawdithomx

**Ikkunsidra:**

Illi fis-seduta tas-27 ta' April 2015, ir-rikorrenti esebiet prospett, fejn hija spjegat l-ammont mitlub taghha ta' elf u wiehed u tmenin Euro (€1081.00). It-Tribunal jirreferi ghal dan il-prospett ghall-ispjegazzjonijiet opportuni. Ta min jinnota ukoll illi r-rikorrenti ma inkludietx fit-talba l-ammont ta' €350.00 li kellha thallas extra sabiex tigi lura Malta qabel iz-zmien.

**Ikkunsidra:**

Illi minn ezami akkurat tar-ritratti esebiti fl-att jidher car illi l-lukanda in kwistjoni ma kenitx tajba biex tilqa' nies ghal vaganza pjacevoli. Jidher ovvju li l-lukanda kellha hafna nuqqasijiet u dawna jidhru li kienu ilhom hemm u s-socjeta' konvenuta kienet fid-dover illi taccerta ruhha illi jekk ser tibghat il-klijenti x'imkien dawna ser jigi milqugha b'mod profesjonali u f'ambjent pjacevoli u rilassanti. Il-fatt illi l-luknada m'ghamlitx dan u baghtet in-nies f'dak l-ambjent juri nuqqas kbir da parti taghha u l-ebda skuza ma tista' tiggustifika dan il-komportament. Il-klijenti hallsu flus tajba u jippretendu servizz skond il-flus li hallsu. Hemm diversi kategoriji ta' lukandi u akkommodazzjoni, pero' anke fl-anqas grad m'ghandex tippretendi dak id-dizastru ta' ambjent illi sabu r-rikorrenti. Sta ghas-socjeta' konvenuta li taghmel ir-ricerka opportuna u taccerta ruhha qabel ma tibghat il-klijenti li l-lukanda tkun wahda ta' *standard.*

Illi s-socjeta' konvenuta accetat il-fatt illi kien hemm nuqqasijiet min-naha tal-lukanda u skond ir-risposta taghha offriet illi thallas ghoxrin Euro €20.00 kuljum ghal zewg persuni b'total ta' tmenin Euro 80.00. It-Tribunal jidhirlu illi dan l-ammont huwa irrizorju u ma jiriflettix kemm l-ispejjes li nefqet ir-rikorrenti kif ukoll it-tbatija li ghaddiet minn din l-esperjenza qarsa. Pero' it-Tribunal ser jillimita ruhu ghal dak li talbu li huwa ragjonevoli u fic-cirkostanzi ferm gustifikat.

**Ghal dawn il-motivi,**

It-Tribunal, jaqta' u jiddiciedi li jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' Orange Travel Ltd. illi jhallas lura lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u wiehed u tmenin Euro (€1081.00) kif mitlub fir-rikors. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**